**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA tad-29 ta' Jannar,2001.**

**Citazzjoni numru 473/00GC**

**Quill Limited**
**Vs.**
**Micro Travel & Tourism Ltd.**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici tiggestixxi l-lukanda bl-isem "Berkerley Hotel" f'102, Triq Guze Howard, Sliema;

Illi fi zminijiet differenti s-socjeta attrici akkomodat fl-imsemmija lukanda klijenti tas-socjeta konvenuta;

Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma bilancjali ta' tliet elef, tnejn u disghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm3,092.99) kif jirrizulta mill-anness statement markat Dok. "A";

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta konvenuta m'ghandha ebda ragunijiet jew eccezzjonijiet validi xi tressaq jew tissolleva kontra t-talbiet attrici, u dan kif konfermat

wkoll bil-gurament fl-anness afidavit ta' Anthony Aquilina, direttur tas-socjeta attrici markat Dok. "B":

Illi minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata ghall-hlas tal-ammont intier diversi drabi, l-istess socjeta konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti ai termini tal-artikolu l67 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din l-Onorabbli Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh u skond procedura specjali sommarja;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Taqta u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tiddikkjara li is-socjeta konvenuta hija vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta attrici fis-somma biilancjali ta' tliet elef, tnejn u disaghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm3,092.99), kif fuq spjegat;
3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta biex thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta' tliet elef, tnejn u disghin lira

Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm3,092.99), u dan gharragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjes kollha inkluz dawk tal-mandat kawtellatorju ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur